# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-5 ta' Settembru 2019**

Appell numru 430 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Srdan SIMIC**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Novembru 2018 fil-konfront ta' Srdan SIMIC, detentur tal-passaport Serb bin-numri 012561226 fejn ġie mixli talli fit-2 t'April 2017, għall-ħabta tas-siegħa u għaxar minuti ta' filgħodu f'San Pawl il-Baħar, mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Ryan Magro, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 463588M skont kif ċertifikat mit-Tabib David Agius MD (Med. Reg. 3789) tal-

Isptar Mater Dei u dan ai termini tal-artikolu 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali. Dik il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena, tgħaddi biex tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti sabet lill-imputat Srdan SIMIC ħati skont l-artikoli 214, 215, 217 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu għall-piena ta' ħames snin priġunerija, filwaqt li ordnatlu jħallas ukoll l-ispejjeż peritali fl-ammont ta' seba' mija ħamsa u erbgħin euro, erbgħa u sittin ċenteżmi (€745.64) fi żmien tliet xhur filwaqt li ordnat lill-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni sabiex hekk kif il-ħati jiskonta s-sentenza ta' priġunerija juża l-poter li għandu u jibgħat lura lejn pajjiżu lill-ħati skont kif provdut fl-Att dwar l-Immigrazzjoni.

3. SIMIC appella b'rikors datat 4 ta' Diċembru 2018 u qajjem tliet aggravji :

(a) Li l-ewwel sentenza kienet milquta minn difett proċedurali serju konsistenti fil-fatt li f'aktar minn okkażjoni waħda dik il-Qorti kif presjeduta indikat li :

> manifestament illi kien hemm elementi serji ta' pre-gudizzju fil-konfront tal-imputat a bazi tal-fatt illi huwa cittadin barrani bil-konsegwenzjali lezjoni tad-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u u imparzjali u dak tal-prezunzjoni tal-innocenza.

(b) Li l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni u/jew interpretazzjoni skorretta tal-ipoteżi tal-Liġi billi applikat l-artikolu 217 tal-Kodiċi

Kriminali meta dan ma kienx applikabbli għall-każ stante li l-feriment li seħħ ma kienx in konsegwenza għall-użu ta' strument li jaqta' jew iniggeż.

(c) Li l-piena inflitta kienet waħda manifestament eċċessiva u gravuża u li ma tagħmel ebda ġustizzja meta abbinata mal-fattispeċje tal-każ in kwistjoni.

Dawn l-aggravji ser jiġu trattati wieħed wara l-ieħor.

4. Fl-ewwel aggravju, l-Avukat Difensur Dr. Roberto Montalto saħaq li matul il-kors tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), inkluż fil-preżenza tiegħu, ta' Dr. Marion Camilleri kif ukoll tal-interpretu, il-Maġistrat sedenti kien għadda kummenti, li ma ġewx reġistrati, u li permezz tagħhom fil-Qorti bil-miftuħ il-Maġistrat kien esprima ruħu f'termini dispreġjativi fil-konfront ta' barranin li jiddelinkwu f'Malta u li dawn kellhom jiġu trattati b'mod eħrex mill-Maltin. L-Abbli Difensur stqarr li huwa kien qiegħed jirriżerva li jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Qorti kompetenti jekk u meta jkun il-każ. Għalkemm irrikonoxxa li l-piena erogata kienet taqa' fil-parametri legali, l-Avukat Difensur tenna li dan l-atteġġjament tal-Qorti tal-Maġistrati versu l-fatt li l-appellant kien barrani, kien fattur li kkarga l-piena fil-konfront tal-appellant.

Minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali saħaq illi dak allegat mill-appellant ma kienx jirriżulta mill-atti u għalhekk għall-fini ta' dan l-appell ma kienx jeżisti.

Illi mill-atti li għandha quddiemha, il-Qorti mkien ma sabet xi prova li ssaħħaħ dak li ġie allegat mill-Avukat Difensur. Il-kwistjoni sollevata minnu, jekk verament seħħet, kienet semmai kwistjoni li tmur oltre l-mansjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

5. It-tieni aggravju jittratta l-fatt li l-offiża fuq Ryan Magro kienet kawżata minn tazza li nkisret ma' wiċċu u kkaġunatlu offiżi ta' natura gravi u ladarba din ma kienetx arma regolari jew strument li jaqta' jew iniggeż, l-artikolu 217 ċitat mill-Qorti fis-sentenza tagħha ma kienx applikabbli għal dan il-każ. Stante li l-piena kienet ukoll kalibrata wkoll fuq dan l-artikolu, din kellha tiġi temperata stante l-inapplikabbilta tiegħu.

L-Avukat Ġenerali jwieġeb li f'dan il-każ il-piena inflitta mill-Qorti kienet dik maġġuri li toħroġ mill-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, aktar milli dik minuri prevista mill-artikolu 217 tal-istess Kodiċi. Il-piena inflitta kienet korretta u fil-parametri legali irrispettivament minn dak li jipprovdi l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm tazza mhix arma regolari, fil-mument meta seħħet l-offiża, din ġiet strument li jaqta' jew iniggeż tant li kkawżat ħsarat estensivi kaġun ta' laċerazzjonijiet fil-ġilda u fl-għajn ta' Ryan Magro bil-konsegwenti effett fuq il-vista tiegħu. Id-Difensur tal-*parte civile* Ryan Magro, Dr. Marion Camilleri aderiet mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

***Ikkunsidrat :***

Skont l-artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali, l-offiża tista' tkun jew ħafifa jew gravi. Il-ġurisprudenza tgħallem li jekk l-intenzjoni tal-aggressur jiġi pruvat li tkun dik li jagħmel ħsara lil vitma, żgħira kemm hi żgħira, l-aggressur irid jirrispondi għall-konsegwenzi kollha li jirriżultaw b'rabta mal-aġir kriminuż tiegħu. Dawn il-konsegwenzi jistgħu ikunu ħfief, gravi, gravi ħafna jew saħansitra l-mewt.[1] Din il-klassifikazzjoni tiddependi fuq il-konsegwenzi li offiża tirreka fuq il-persuna (jew f'ċerti ċirkostanzi li tkun tista' tirreka fuq il-persuna). Akbar ma tkun il-konsegwenza, aktar gravi titqies l-offiża, aktar serju jitqies il-każ u allura akbar tkun il-piena potenzjali applikabbli. Din il-piena tista' tkun ukoll soġġetta li tiżdied jekk ikunu jeżistu ċirkostanzi aggravanti,[2] daqskemm tista' tonqos jekk ikun hemm ċerti ċirkostanzi attenwanti.[3]

L-offiża hija ritenuta gravi jekk tirriżulta xi konsegwenza msemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-konsegwenza tkun tmur oltre dak imsemmi fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, u tkun taqa' taħt xi waħda mill-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, allura din tiġi ritenuta li hija offiża gravi b'konsegwenzi akbar ossija offiża gravissima.

---

[1] Ara wkoll ***Il-Pulizija vs Emanuel Zammit*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-30 ta' Marzu 1998.

[2] Ad eżempju taħt l-artikoli 222(1) jew 222 tal-Kodiċi Kriminali.

[3] Skont l-artikolu 219 tal-Kodiċi Kriminali.

L-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali jittrattaw livelli differenti tal-offiża gravi, dipendenti fuq il-gravita tal-konsegwenzi li din tħalli fuq il-vitma. Fiż-żmien ta' meta seħħ dan ir-reat, il-parametri tal-piena fil-każ t'offiża gravi li ġġib magħha l-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali kienet dik ta' priġunerija li tvarja bejn tliet xhur u tliet snin.[4] Mill-banda l-oħra jekk il-konsegwenzi tal-azzjoni kriminuża jkunu jissoddisfaw il-kriterji tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' priġunerija kienet tvarja bejn id-disa' xhur u disa' snin priġunerija.[5] L-enfażi f'dawn iż-żewġt artikoli hija fuq il-konsegwenzi rekati aktar milli l-mezz li bihom dawn l-offiżi jkunu ġew rekati.

F'ċerti ċirkostanzi il-mezz innifsu, minħabba l-potenzjalita ta' ħsara akbar li jista jsir bih fuq il-persuna tal-vitma, jista' jwassal għal awment fil-piena li tkun tista' tingħata mill-Qorti ta' ġustizzja kriminali f'każ ta' sejbien ta' ħtija. B'hekk l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jistipula li jekk l-offiża tiġi magħmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi, il-piena :

(i) fil-każ t'offiża gravi, fiż-żmien meta seħħ ir-reat kienet issir dik ta' priġunerija minn ħames xhur sa erba' snin;[6]

---

[4] Illum, bħala regola, priġunerija bejn sena u seba' snin.
[5] Illum, bħala regola, priġunerija bejn ħames u għaxar snin. Imbagħad jekk l-offiża ma ġġibx il-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216, 218 jew 220, din titqies li hija offiża ħafifa u l-piena erogabbli fiż-żmien tar-reat de quo kienet, bħala regola, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa. Illum pero din il-piena żdiedet għal perjodu ta' priġunerija mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.
[6] Illum, priġunerija minn sentejn s'għaxar snin; iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi l-piena minima tkun priġunerija għal erba' snin u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma japplikawx.

(ii) fil-każ t'offiża ħafifa, fiż-żmien meta seħħ ir-reat kienet issir dik ta' priġunerija minn żmien xaharejn sa' sena.[7]

Dan ifisser li fiż-żmien li seħħ dan ir-reat, l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi parametri ta' piena li fil-minimu u fil-massimu tagħhom kienet akbar minn dik stipulata mill-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, iżda li kienet anqas minn dak previst mill-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Leġislatur ħalla fl-idejn għaqlija u prudenti tal-Ġudikant biex jikkalibra l-pieni fil-parametri wiesa' ħafna ta' bejn il-minimu u massimu stabbiliti. Dan juri wkoll li l-Leġislatur, ippermetta lill-Qorti li, fil-każ li l-offiża tkun gravi u ġġib konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, din tkun tista' timponi piena li tkun akbar minn dik li tkun tista' tingħata fil-każ ta' sejbien ta' ħtija t'offiża fuq il-persuna imwetqa b'xi wieħed mill-mezzi noċivi msemmija fl-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali.

Illum pero jirriżulta li l-massimu tal-pieni msemmija fl-artikoli 217 u 218 tal-Kodiċi Kriminali ġie parifikat. Huwa biss fil-minimu tal-piena erogabbli li l-Liġi għadha tagħmel differenza bejn dawn iż-żewġt artikoli, fis-sens li tistabbilixxi l-minimu tal-priġunerija fil-każ ta' offiża kwalifikata bil-mezz taħt l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali għal sentejn; filwaqt li taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali dan il-minimu ġie elevat għal ħames snin. Taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali l-parametri tal-minimu u massimu tal-

[7] Illum priġunerija minn sentejn sa' seba' snin.

piena xorta baqgħu inferjuri għal dawk imsemmija fl-artikoli 217 u 218 tal-Kodiċi Kriminali. Dan juri għalhekk li l-Leġislatur kellu f'moħħu li joħloq ġerarkija tal-gravita tar-reat bażata kemm fuq l-effetti ħżiena mħollija fuq il-persuna tal-vitma kif ukoll fuq il-mezzi użati biex tali ħsara tkun magħmula.

Jirriżulta li, meta wieħed iqis il-piena erogabbli mill-Qorti tal-Maġistrati b'riferenza għaż-żmien ta' meta seħħ ir-reat, għalkemm kienet b'sena għola mill-massimu stabbilit għal reat kwalifikat bl-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali,[8] din xorta waħda kienet fil-parametri tal-piena applikabbli taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ, mill-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-offiża subita minn Ryan Magro in konsegwenza għall-azzjoni tal-appellant kienet waħda t'offiża gravi li ġabet magħha waħda mill-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk setgħet tagħti dik il-piena li erogat, jiġifieri ħames snin priġunerija, irrispettivament mill-applikabbilta' tal-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali għall-każ u dan peress li dik il-piena kienet taqa' fil-parametri wiesa' tal-piena stabbiliti mill-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-banda l-oħra huwa wkoll minnu li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati ċċitat mhux biss l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, iżda wkoll l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali u dan anke skont kif

[8] Erba' snin priġunerija.

l-Avukat Ġenerali għażel li jixli lill-imputat appellant fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu a fol 180. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ukoll korretta li applikat l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali għal dan il-każ. Huwa veru li tazza tal-ħġieġ, meta mhux miksura u wżata skont id-destinazzjoni naturali tagħha ta' mezz li bih persuna tkun tista' tixrob likwidu, mhix arma regolari skont kif imfisser fl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali.[9] F'dan il-każ it-tazza tal-ħġieġ, ma ġietx użata (biss u esklussivament) skont id-destinazzjoni u l-użu naturali u normali tagħha ta' reċipjent li minnu u bih persuna tixrob likwidu għax fil-kors tal-inċident li wassal għal dan il-każ, l-appellant uża dit-tazza tal-ħġieġ f'kuntest t'aggressjoni fuq persuna oħra.

Persuna li tirraġuna taf jew tista' raġonevolment tistenna li, minħabba n-natura u l-komposizzjoni tagħha, jekk tazza tal-ħġieġ tinkiser u issir frak, dak il-frak miksur isir jaqta' jew iniggeż. F'dan il-każ, it-tazza tal-ħġieġ ġiet delibberatament mifqugħa fuq wiċċ Ryan Magro mill-appellant. Dan l-użu ta' din it-tazza tal-ħġieġ f'kuntest t'aggressjoni fuq persuna oħra tirrendi tazza tal-ħġieġ ħekk użata bħala strument li jaqta' jew iniggeż mal-mument li tali tazza tal-ħġieġ tinkiser, issir frak b'riżultat ta' dak l-użu inapproprijat u l-frak jikkaġuna offiża fuq il-persuna tal-vitma. F'din l-eventwalita l-aggressur ikun irid jirrispondi għall-offiża fuq il-persuna rekata minnu wkoll bil-konsegwenzi previsti mill-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[9]In kwantu mhix arma tan-nar, jew arma, strument jew għodda li għandha bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

Bħala konsegwenza tal-azzjoni tal-aggressur, din it-tazza tal-ħġieġ, ladarba tiġi miksura delibberatament mill-aggressur u wżata fil-kuntest tal-aggressjoni, titqies li ssir (billi titrasforma ruħha fi) strument li jaqta' jew iniggeż, fit-termini u l-parametri tal-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali. Il-frak u biċċiet ta' tazza tal-ħġieġ miksura kollha jew in parti tista' tipproduċi ħsara konsistenti f'laċerazzjonijiet bħal ma rriżultaw f'dan il-każ, liema laċerazzjonijiet huma assoċjati mal-effett tal-użu ta' strumenti li jaqtgħu jew inigżu. F'dan il-każ, tant kemm din it-tazza tal-ħġieġ miksura kienet saret strument li jaqta' jew iniggeż li l-provi juru li partijiet mill-ħġieġ tat-tazza miksura għamlu laċerazzjonijiet fil-wiċċ, fil-ġilda, u partijiet minn dan il-frak tal-ħġieġ ta' din it-tazza miksura saħansitra daħal f'għajn Ryan Magro u weħel mar-retina.[10]

Fil-kuntest Legali Malti, din il-Qorti taqbel mad-Difiża li tazza tal-ħġieġ minn natura tagħha ma tistax titqies li hija arma regolari jew strument li jaqta' jew iniggeż għal fini tal-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk f'każ li t-tazza tal-ħġieġ tibqa' sħiħa u ma tiġix miksura (u fin-nuqqas ta' prova li din kienet f'xi parti minnha miksura b'mod li tiġi taqta jew tniggeż preċedentement għall-aggressjoni) tali tazza ma titqiesx strument li jaqta' jew iniggeż. Fil-fatt kienet tibqa' *blunt instrument,* jew kif il-ġurisprudenza Taljana tirreferi għaliha bħala *corpo contundente*.[11] Iżda f'dan il-każ ma

[10] Ara x-xiehda u r-relazzjoni ta' Mr Francis Carbonaro a fol 159 et seq.

[11] Il-Liġi Taljana, li fuq dan il-punt mhix identika għal dik Maltija, tipprovdi awment fil-piena fil-każ li jiġu magħmula leżjonijiet personali bl-użu ta' strumenti kontundenti. Il-ħsieb wara din iż-żieda fil-piena huwa minħabba l-perikolu li jġib miegħu l-użu offensiv tal-mezz użat li jkollu potenzjal offensiv

ġarax hekk. Mal-mument li l-appellant uża din it-tazza tal-ħġieġ f'kuntest t'offiża fuq il-persuna kif spjegat aktar il-fuq, b'mod li deliberatament faqa' din it-tazza f'wiċċ Ryan Magro u b'riżultat ta' dan din it-tazza tal-ħġieġ inkisret f'wiċċ Ryan Magro, kemm l-istruttura fiżika tagħha jinbidel kif ukoll il-klassifikazzjoni legali ta' din it-tazza jinbidel. Il-konsegwenza tkun li l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jiġi applikabbli għal dak il-kuntest.

Għal dawn ir-raġunijiet it-tieni aggravju qiegħed jiġi respint.

6. Illi kwantu għat-tielet aggravju, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tisma' x-xiehda ta' Nigel Bruno, Uffiċjal fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin dwar aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-piena. Il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-Kaptan Nigel Bruno matul is-seduta tal-25 ta' Lulju 2019 mnejn irriżulta li huwa għaraf lill-

---

akbar. Il-posizzjoni fil-każ tas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana tat-13 ta' Settembru 2012 li ġġib in-numru 35237/2012 hija li : -

> Va invero ribadito che anche un bicchiere di vetro, adoperato come corpo contundente in un contesto aggressivo, diventa strumento atto ad offendere ed è dunque da considerarsi arma ai fini dell'applicazione dell'aggravante menzionata (Sez. 5 n. 28207 del 21 maggio 2008, p.m. in proc. Mameli, rv 240448). Contrariamente a quanto sostenuto dal ricorrente, ciò che rileva è proprio la potenzialità offensiva dell'oggetto così come qualificata dal legislatore, giacché la norma aggravante non richiede che l'uso dello strumento offensivo integri anche la contravvenzione di cui all'art. 4 della I. n. 110 del 1975 (Sez. 5, n. 12151/12 del 1 dicembre 2012, Zorzit, rv 251144; Sez. 5 n. 9388 del 9 febbraio 2006, Romano, rv 233896). In altri termini il rinvio operato dalla disposizione in questione alla categoria degli strumenti atti ad offendere di cui sia relativamente vietato il porto ha meri intenti classificatori e non anche quello di fondare la fattispecie aggravante sull'ulteriore requisito del porto ingiustificato dello strumento medesimo, atteso che la ratio della norma è unicamente quella di punire più severamente le azioni tipiche poste in essere avvalendosi della intrinsecamente maggiore capacità lesiva di determinati oggetti, per l'appunto individuati dallo stesso art. 585 in quelli il cui porto è vietato senza giustificato motivo.

Din hija wkoll il-posizzjoni li baqgħet tiġi meħuda mill-istess Qorti tal-Kassazzjoni anke f'każijiet suċċessivi bħal dik tal-5 ta' Frar 2014 u li ġġib in-numri 30786/2014 fejn ġie ribadit li:-

> Nell'ipotesi ricorrente nel caso di specie, questa Corte ha affermato che in tema di armi improprie, anche un bicchiere di vetro, utilizzato come corpo contundente in un contesto aggressivo, diventa strumento atto ad offendere ed è arma ai fini dell'applicazione dell'aggravante di cui all'art. 585, comma secondo, cod. pen. (Sez. 5, n. 47504 del 24/09/2012 - dep. 06/12/2012, P.G. in proc. Baciu, Rv. 254082; Sez. 5, n. 28207 del 21/05/2008 - dep. 09/07/2008, P.M. in proc. Mameli, Rv. 240448).

Dawn is-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana ma għandhomx stat fil-ġurisdizzjoni Maltija iżda l-idea warajhom ta' żieda fil-piena minħabba l-potenzjalita ta' ħsara akbar marbuta mal-użu ta' strument hija simili ħafna.

appellant u stqarr li kien sar jafu u kemm l-appellant ilu l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, huwa kien jieħu ħsieb parti mill-kċina tal-Faċilita'. L-imġieba tal-appellant kienet tajba. Bruno stqarr li SIMIC kien priġunier eżemplari u li kien jikkopera mal-uffiċjali. Huwa kien suġġett għal proċedura dixxiplinari waħda minħabba inċident li kien inqala' waqt il-*fall in* fl-2018. Kemm kien ilu l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin SIMIC kien mexa' l-quddiem fl-imġieba tiegħu tant li beda jaħdem ukoll fuq skema mal-*Food Factory*. SIMIC kien priġunier li kellu x-xewqa li jitgħallem u li ried juża l-ħin tiegħu fil-Faċilita billi jinvesti fih innifsu.

Il-Qorti semgħet ukoll l-argumenti tad-Difiża u tal-Avukat Ġenerali relattivament għall-piena li ġiet inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati. Minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid li għalkemm l-appellant jilmenta li l-piena kienet gravuża, din kienet taqa' fil-parametri tal-piena fiż-żmien ta' meta seħħ il-każ, li taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali din kienet tvarja bejn disa' xhur u disa' snin priġunerija. Il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati kienet fil-fatt toqrob lejn in-nofs ta' dawn il-parametri. Dan kien juri li kontra dak mistqarr mill-appellant il-Qorti ma kienetx daqshekk preġudikata kontra l-appellant għax ma marritx lejn il-massimu tal-piena.

L-Avukat Ġenerali saħaq li f'dan il-każ l-azzjoni tal-appellant kienet waħda t'aggressjoni kontra persuna inermi li kienet qegħda fuq il-post tax-xogħol tagħha, għall-affari tagħha, u li kiesaħ u biered ġiet aggredita b'tazza tal-ħġieġ mingħajr ebda raġuni. A fol 57 Ryan Magro jirrakkonta kif huwa ġie aggredit għall-għarrieda mill-

appellant li faqgħalu tazza tal-pinta tal-ħġieġ f'wiċċu. Il-ġrieħi sofferti minn Magro jidhru kemm mir-ritratti eżebiti kif ukoll mir-relazzjonijiet mediċi wara li Magro ġie operat bl-urġenza. Meta xehed in kontro-eżami a fol 204, fis-17 ta' Jannar 2018, Magro reġgħa saħaq li huwa kien għadu bil-ħġieġ f'għajnejh u li għandu ħajtu kollha hekk.

L-Avukat Ġenerali sostna wkoll li mir-relazzjoni ta' Mr Francis Carbonaro a fol 159 jirriżulta x'intervent sar fuq Magro, fosthom li huwa ġie operat billi sarulu l-punti f'għajnejh; u tant kemm partijiet mill-ħġieġ tat-tazza daħal fil-fond li kien għad għandu l-ħġieġ f'għajnejh. L-Avukat Ġenerali saħaq li l-piena ma kienetx tagħmel ġustizzja kieku kienet anqas minn hekk. L-azzjoni kriminali tal-appellant imwetqa kiesaħ u biered irvinat ħajjet Magro intortament. L-appellant ma setgħax jippretendi li jingħata a *slap on his wrist*. Inoltre f'dan l-każ l-anqas ma kien sar xi forma ta' riżarċiment lill-vitma.

Minn naħa tagħha d-Difiża tenniet li f'dan il-każ, l-appellant kien irrikonoxxa li żbalja fis-sens li huwa ma appellax mill-ħtija iżda interpona appell li prinċipalment kien idur mal-quantum tal-piena inflitta lilu skont kif rifless mit-tliet aggravji li ressaq.

Id-Difiża saħqet li sentenza karċerarja effettiva ta' ħames snin f'każ fejn mir-relazzjoni medika stess jirriżulta li l-vitma ma tilefx il-vista kompletament kienet piena eċċessiva u mingħajr propozjon. F'dan is-sens, id-Difiża għamlet riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet

***Il-Pulizija vs. Eric Sciberras Balbi*,**[12] fejn f'dak il-każ, l-appellant kien ukoll ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Veronica Muscat bl-użu ta' tazza tal-ħġieġ. In konsegwenza għal dak l-inċident Muscat tilfet il-vista minn għajn minnhom. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) billi bidlet is-sentenza ta' disa' xhur priġunerija effettiva emanata mill-Qorti tal-Maġistrati għal sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba snin.

Id-Difiża saħqet fuq il-punti li ġejjin u ċjoe : -

(a) li mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta li kien inċensurat;
(b) li l-piena ta' ħames snin priġunerija kienet eċċessiva wisq meta mqabbla ma dik emanata fil-każ ***Sciberras Balbi*** u kienet turi kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ kienet preġudikata kontra tal-appellant. Din il-piena ma kienetx proporzjonata mal-fatt rekat mill-appellant. L-appellant kien għamilha ċara li l-azzjoni tiegħu kienet *reflex action* f'kuntest fejn kien hemm inċident ma ħabib tiegħu fl-istabbiliment li kien jaħdem fih Ryan Magro u saħaq li l-azzjoni tiegħu ma kienetx riżultat ta' spavalderija;
(c) li l-appellant kien assuma r-responsabbilta' tiegħu matul il-kors tal-proċeduri u qagħad għall-piena karċerarja;

[12] deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-28 ta' Marzu 2019,

(d) li ma sarx riżarċiment mhux għal l-appellant ma pruvax jasal iżda għaliex il-mezzi tiegħu ma setgħu qatt jissodisfaw it-talbiet li kienu qegħdin isirulu mill-*parte civile*;

(e) li mill-provi ħareġ li l-appellant kien qiegħed jipprova jagħmel sforz biex jirriforma ruħu u jkun jista' jibda jaħdem u jaqla x'jiekol billi impenja ruħu fil-Kċina tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għalkemm imfassal fuq tliet aggravji, dan l-appell huwa essenzjalment iffukat fuq il-*quantum* tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant. Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-

azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-

interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fi proċeduri t'appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ:

(a) jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha; u

(b) jekk il-piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali; jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju; jew jekk kienetx manifestament eċċessiva.

Illi din il-Qorti, wara li analizzat il-provi u l-argumenti legali sottomessi kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha li ssib ħtija fl-appellant.

Kif intwera aktar il-fuq, il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet taqa' sew fil-parametri tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u li rriżulta ampjament applikabbli għal dan il-każ. Għalhekk ma jistax jingħad li dik il-Qorti kienet żbaljata fuq il-parametri tal-piena li waslet għaliha, kif intwera aktar il-fuq.

Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

Il-ġurisprudenza tgħallem li bħala regola, każijiet t'offiżi fuq il-persuna għandhom ikunu puniti b'piena karċerarji effettivi,[13] u tqis ukoll li anke f'dan il-każ, il-piena idoneja kellha, u għandha tkun dik ta' priġunerija effettiva. Fil-prinċipju għalhekk il-piena erogata

[13] Ara ***Il-Pulizija vs Mariano Camilleri*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Frar 2002, kif ukoll ***Il-Pulizija vs Youssef Mbarrek*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Ġunju 2010.

mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik indikata għall-każ u ma kienetx piena żbaljata fil-prinċipju.

L-appellant jisħaq fuq id-disparita fis-sentenza mogħtija lilu meta mqabbla ma dik erogata fil-każ ***Eric Sciberras Balbi***. Huwa minnu li teżisti differenza fil-pieni erogati. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjamenti ta' din il-Qorti, kemm kif komposta, kif ukoll kolleġjalment komposta f'kawżi preċedenti.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta, iżda diversament presjeduta, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ludvic Bugeja*** tad-9 ta' Frar 2011, fuq dan il-punt legali, dik il-Qorti iċċitat mill-***Blackstone*** is-silta segwenti b'riferenza għaċ-ċirkostanzi fejn u meta l-Qrati Ingliżi jkunu propensi jikkonsidraw favorevolment appelli minn pieni li jkunu jidhru maħkuma minn disparita : -

> A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161.... However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position

may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:

There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."

Iżda huwa evidenti li l-każ ***Sciberras Balbi*** u l-każ in disamina huma separati u distinti minn xulxin. F'dan is-sens, allura ssir riferenza għall-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Ali Aibrahim Algaoud*** deċiża nhar l-20 ta' Mejju 2004 fejn adottat dan l-insenjament mid-Dritt Ingliż kif elaborat fl-***Archbold***:-

The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see R.v. Stroud, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as R. v. Wood, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., Fawcett, ante, and Broadbridge, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on

> the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied" (enfazi tal-Qorti).

F'dan is-sens, paraguni bejn każijiet differenti, f'ċirkostanzi differenti, jistgħu ikunu odjużi.

Dan il-preżenti każ kien serju ħafna fejn l-azzjoni tal-appellant, magħmula kiesaħ u biered, issarfet f'offiża gravi fuq il-persuna ta' Ryan Magro, li ser jibqa' jsofriha għal għomru. Magro kien qiegħed fuq il-post tax-xogħol tiegħu. L-inċident seħħ f'post tad-divertiment fejn ikun hemm għadd ta' nies li jmorru jieħdu drink u jiddevertu ftit. Dan seħħ ukoll f'post turistiku.

L-azzjoni magħmula mill-ħati fuq il-persuna ta' Ryan Magro kienet waħda mhux mistennija, *unsolicited*, stante li ma jirriżultax li Magro kien involut f'xi argument preċedenti mal-appellant jew b'xi mod ipprovoka l-akkadut.

Il-mezz użat, tazza tal-ħġieġ li ġiet mifqugħa fuq wiċċ Ryan Magro kien mezz li mhux biss potenzjalment setgħa jirreka ħsara akbar fuq ġisem Magro, iżda effettivament wassal għal offiża gravissima fuq il-persuna ta' Magro u li bil-provi, sofra sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, kif ukoll debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem ta' Magro, f'dan il-każ f'għajnu u fil-vista tiegħu. Mix-xiehda ta' Mr Francis Carbonaro, Ryan Magro sofra telf ta' vista ta' madwar għoxrin fil-mija (20%) meta jitqiesu ż-żewġ għajnejn flimkien, għalkemm f'waħda mill-għajnejn huwa tilef bejn

sebgħin (70%) jew tmenin (80%) fil-mija tal-vista tagħha. L-għajn hija wieħed mill-organi l-aktar importanti u sensittivi f'ġisem il-bniedem. Huwa organu fundamentali għal ħajja sana. Konsegwenza ta' dan l-inċident vjolenti, Magro sofra tnaqqis fil-vista tiegħu li ser tibqa' għal ħajtu kollha.

Din hija konsegwenza serja immens u ma timmerita xejn anqas minn piena karċerarja effettiva u twila li tirrifletti mhux biss is-serjeta tal-azzjoni fuq il-persuna tal-vitma, iżda wkoll fuq l-effett nefast fuq is-soċjeta t'azzjonijiet simili. Din l-aggressjoni kontra Magro, bil-mod kif ġiet kommessa, fil-post u fil-kuntest fejn ġiet kommessa, meta ġiet kommessa u għaliex ġiet kommessa kienu fatturi, ċirkostanzi u kriterji li l-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha meta ġiet biex tikkalibra u teroga l-piena tagħha.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet

toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

(a) għall-offiża in kwistjoni u
(b) għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-

> piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

F'dan il-każ, b'riferenza għall-offiża in kwistjoni, il-piena kienet fil-parametri legali u kienet kwalitattivament korretta u ma kienetx manifestament eċċessiva.

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti*.

Kif intqal, l-appell huwa ċentrat fuq il-piena u mhux fuq ir-responsabbilta tal-akkadut. Għalkemm, kif kellu dritt jagħmel, l-appellant ikkontesta l-kawża, wara li ingħatat is-sentenza huwa rrikonoxxa r-responsabbilta sħiħa tiegħu u aċċetta s-sejbien ta' ħtija. Dak li ħass li kien gravuż kien, aktar minn ħaġ'oħra l-*quantum* tal-piena inflitta, aktar mill-kwalita tagħha. Dan fih innifsu ma jwassalx għal xi aspettattiva leġittima għal riduzjoni fil-piena, in kwantu l-appellant ma ammettiex għall-imputazzjoni fi stadju bikri

tal-proċeduri. Biss il-fatt li, *a conti fatti*, l-appellant irrikonoxxa r-responsabbilta' tiegħu u anke wera element ta' pentiment, għalkemm waħdu mhux suffiċjenti li jintitolah għal riduzzjoni fil-piena, huwa fattur li l-Qorti trid iżżomm kont tiegħu. Dan b'mod partikolari fid-dawl tal-prova mresqa mid-Difiża permezz tal-Kaptan Nigel Bruno. Dax-xhud stqarr li l-appellant kien eżemplari u kien qiegħed jaħdem bi sħiħ fuq l-aspett rijabilitattiv fiż-żmien li huwa kien qiegħed iqatta' fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kien qiegħed jagħmel sforz biex jirriforma ruħu u jitħarreġ fil-Kċina tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex meta jasal il-waqt li jiskonta l-piena karċerarja jkollu l-possibilta li jerġa jibni ħajtu mill-ġdid. Dan huwa ta' siwi u ta' ġid għalih u għall-futur tiegħu u għalhekk għandu jiġi inkoraġġit – anke in vista tal-fatt li minn qari tal-fedina penali tiegħu, l-appellant jirriżulta li, almenu f'Malta, u sakemm xellef difru mal-Ġustizzja minħabba dan il-każ, huwa jirriżulta li kien inċensurat.

Din il-Qorti trid tinkoraġġixxi lil min jagħraf ir-responsabbiltajiet tiegħu u jiddeċiedi li jibdel ħajtu għall-aħjar, bil-provi. Dan ikun ta' ġid kemm għalih, kif ukoll għas-soċjeta li jgħix fiha, in kwantu din ma jaqblilhiex li jkollha elementi fostha li jkomplu jippersistu fil-kriminalita u istituzjonalizzazzjoni. F'dan il-każ, u għal dawn ir-raġunijiet, hemm lok li jkun hemm temperament moderat li jirrifletti aktar il-bilanċ bejn iċ-ċirkostanzi riżultanti tal-appellant u l-iskop u l-effetti tal-piena kif spjegati aktar il-fuq.

## *Konklużjoni*

Għaldaqstant għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih, u fejn ordnatlu jħallas l-ispejjeż, tħassarha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-ħati għall-piena ta' ħames snin priġunerija u minflok tibdilha billi tikkundannaħ għall-piena t'erba' snin priġunerija. Altrimenti tikkonfermaha fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***